32006R0432

L 79/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 16.3.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 432/2006

tal-15 ta' Marzu 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 382/2005 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-għalf imnixxef

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-għalf niexef[1], u partikolarment l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001[2], u partikolarment it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 71(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2005[3] wriet li huwa meħtieġ li t-tfassil tat-tielet inċiż tal-Artikolu 9 tar-Regolament ikun iktar preċiż.

(2) Minħabba li l-għajnuna stipulata fl-Artikolu 71(2), it-tieni inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 hija kkalkolata abbażi tal-kwantitajiet potenzjalment eliġibbli għall-għajnuna prevista fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1786/2003 għas-sena tas-suq attwali, u li skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 382/2005, ċertu proporzjon tal-għalf niexef li ħareġ mingħand l-impriżi matul is-sena tas-suq 2005/2006 diġà ġie

---

1 ĠU L 270, 21.10.2003, p. 114. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 583/2004 (ĠU L 91, 30.3.2004, p. 1).

2 ĠU L 270 tal-21.10.2003, p. 1 Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

3 ĠU L 61, 8.3.2005, p.4.

kontabilizzat għas-sena tas-suq 2004/2005, l-għajnuna għas-sena tas-suq 2005/2006 se tiġi stabbilita abbażi tal-kwantitajiet li mhux se jkunu rappreżentativi tal-produzzjoni reali tas-sena tas-suq 2005/2006. Għalhekk miżuri tranżitorji għandhom jiġu previsti għall-ħażniet sal-31 ta' Marzu 2006. Biex tiġi evitata kull tip ta' diskriminazzjoni bejn l-operaturi, dawn il-miżuri għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri kollha. Komunikazzjoni tal-ħażniet li jibbenefikaw minn dawn il-miżuri għandha tiġi mħejjija.

(3) Ir-referenza għal-limiti stipulati fil-punt D tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandha tiġi sostitwita b'referenza għal-limiti stipulati fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 tas-26 ta' Jannar 2005 i jemenda l-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 u li jistabilixxi limiti baġitarja għal implimentazzjoni parzjali jew fakultativa tal-Iskema ta' Pagament Uniku u l-pakketti finanzjarji annwali għall-Iskema Unika ta' Ħlas skond id-Daqs tal-Art li għaliha hemm dispożizzjonijiet f'dak ir-Regolament[4].

(4) Jaqbel li jsiru xi emendi għall-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 382/2005 fil-perspettiva li jinkiseb bilanċ utli tal-konsum tal-enerġija.

(5) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 382/2005 jiġi emendat.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għaċ-ċereali u għall-pagamenti diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 382/2005 hu emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 9, it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Għalf niexef li jħalli impriża ta' proċessar jista' jidħol lura għandha biss għall-għan ta' pakkeġġjar mill-ġdid jew proċessar mill-ġdid, taħt is-sorveljanza ta' u fuq il-kondizzjonijiet dikjarati mill-awtorità kompetenti."

2) L-Artikolu 33(1) hu emendat kif ġej:

a) fl-ewwel subparagrafu, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Dawn il-komunikazzjonijiet ma jinkludux il-kwantitajiet stipulati fl-Artikoli 31 u 34(a)";

b) fit-tieni inċiż, jiżdiedu l-frażijiet li ġejjin:

"F'dak li jirrigwarda s-sena tas-suq 2005/2006 u 2006/2007, dawn il-kwantitajiet ma jinkludux il-kwantitajiet stipulati fl-Artikoli 34 u 34(a) Mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2006, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw

[4] ĠU L 24, 27.1.2005, p.15.

ukoll lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' għalf niexef maħżun fl-impriżi ta' pproċessar sal-31 ta' Marzu 2006 u li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34a, kienu s-suġġett ta' domanda għal għajnuna prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1786/2003 għas-sena tas-suq 2005/2006 matul is-sena tas-suq 2006/2007, jekk jingħata l-każ, għall-għajnuna stipulata fl-Artikolu 71(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003."

3) Għandu jiżdied l-Artikolu 34a li ġej:

"L-Artikolu 34a

Ħażniet fil-31 ta' Marzu 2006

1. L-għalf niexef prodott matul is-sena tas-suq 2005/2006, u li sal-31 ta' Marzu 2006 jkun għadu ma ħariġx mill-impriża ta' pproċessar jew minn wieħed mill-imħażen imsemmija fl-Artikolu 3(a), jista' jibbenefika mill-għajnuna prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1786/2003 għas-sena tas-suq 2005/2006 matul is-sena tas-suq 2006/07, u jista' jibbenefika wkoll, fejn xieraq, mill-għajnuna msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, bil-kundizzjoni li l-għalf niexef:

a) jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;

b) joħroġ mill-impriża ta' pproċessar taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-Regolament;

c) jingħadd fil-qafas tal-kwantitajiet nazzjonali garantiti allokati lill-Istati Membri kkonċernati għas-sena tas-suq 2005/2006;

d) ikun ġie ddikjarat u ċċertifikat matul is-sena tas-suq 2005/2006.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jadottaw kull miżura ta' kontroll meħtieġa biex jiggarantixxu r-rispett tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1."

4) L-Artikolu 35 jinbidel bit-test li ġej:

" Artikolu 35

Perjodu transitorju mhux obbligatorju

«1. L-Istati Membri li japplikaw perjodu tranżitorju fakultativ skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jagħmlu pagament lill-impriżi ta' pproċessar, bil-għan li dan jiġi trasferit lill-produtturi, l-għajnuna stipulata fl-Artikolu 71(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, abbażi tal-kwantitajiet eliġibbli fis-sena tas-suq 2005/2006.

Din l-għajnuna hija stabbilita abbażi tal-kwantitajiet potenzjalment eliġibbli u fil-limitu tal-livell baġitarju mniżżel fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005*.

B'kwantitajiet potenzjalment eliġibbli, wieħed jifhem it-total tal-kwantitajiet magħrufa eliġibbli għall-għajnuna stipulata fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1786/2003 matul is-sena tas-suq 2005/2006, u tal-kwantitajiet prodotti matul is-sena tas-suq 2005/2006 li dwarhom kienet saret talba għal għajnuna għas-sena tas-suq 2005/2006 matul is-sena tas-suq 2006/2007, bl-istess mod li, fejn xieraq, l-għajnuna stipulata fl-Artikolu 71(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34a. Dawn il-kwantitajiet potenzjalment eliġibbli ma jinkludux il-kwantitajiet stipulati fl-Artikolu 34.

2. Meta impriża ta' pproċessar tiġi pprovduta b'għalf provenjenti minn Stat Membru ieħor, l-għajnuna stipulata fl-Artikolu 71(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 titħallas biss lill-impriżi ta' pproċessar sabiex tiġi trasferita lill-produttur sakemm dan ikun fi Stat Membri li japplika l-perjodu tranżitorju fakultattiv.

3. L-għajnuna stipulata fl-Artikolu 71(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 hija stabbilita skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1786/2003.

L-għajnuna titħallas lill-impriżi ta' pproċessar fi żmien tletin jum ta' xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni tippubblika l-ammonti fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.* Għall-kwantitajiet magħrufa eliġibbli għall-għajnuna wara din id-data tal-pubblikazzjoni, il-ħlas isir fi żmien tletin jum ta' xogħol wara d-data tar-rikonoxxenza tal-eliġibbiltà għall-għajnuna.

L-impriżi ta' pproċessar jistrasferixxu l-għajnuna lill-produtturi fi żmien ħmistax-il ġurnata ta' xogħol wara l-ħlas mill-Istat Membru.

* ĠU L 24, 27.1.2005, p.15."

5) L-Anness I għandu jiġi ssostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Marzu

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Anness I
Bilanċ tal-konsum tal-enerġija użata għall-produzzjoni tal-għalf niexef

Stat Membru:
Sena tas-suq:

	dwar	Unità	Il-Kwantità
a)	Produzzjoni tal-għalf niexef	tunnellata tal-għalf niexef	
b	Umdità medja fid-dħul	%	
c	Umdità medja fil-ħruġ	%	
d	Temperatura medja tal-arja fid-dħul tan-nixxiega	Grad Celsius	
e	Konsum speċifiku medju	Megajoule kull kg ta' għalf imnixxef	

Għandha timtela' għall kull tip ta' kombustibbli użat ([1]):

It-tip ta' karburant:

f	Saħħa kalorifika speċifika medja	Megaġoule għal kull tunnellata ta' kombustibbli	
g	Kwantità użata	Tunnellata ta' kombustibbli	
h	Enerġija prodotta	Megajoule	

([1]) gass, karbonju, linjite, żejt, bijomassa, eċċ."